MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 830/2006

**Maria Dolores Vella Camilleri, mart Emanuel bint il-mejjet Carmelo Camilleri, u għal kwalunkwe interess li jista’ jkollu żewġha Emanuel Vella**

**-vs-**

**1. Micro Technology Consultancy Limited bin-numru ta’ Reġistrazzjoni C 27413;**

**2. Philip Cortis u għal kull interess li jista’ jkollha l-konsorti tiegħu;**

**3. Rosario Cortis u għal kull interess li jista’ jkollha l-konsorti tiegħu.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-12 ta' Settembru 2006 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

## I. <u>PREMESSI</u>

1. Illi r-rikorrenti / attriċi Maria Dolores VELLA CAMILLERI mart Emanuel u tirrisjedi f'numru 25 "Emdor" fi Triq il-Birwina, fil-Mellieħa, bħala s-sid tal-proprjeta' parafernali tagħha tal-**garaxx** f'Ħaż Żebbuġ, Triq l-Isqof Caruana, bl-isem "Townhall" kienet **personalment** u weħidha ffirmat Skrittura Privata nhar il-Ġimgħa, l-ewwel (1) ta' Diċembru tas-sena elfejn (01/12/2000) f'Malta, il-Mellieħa, Triq il-Parroċċa, numru ħamsa (5) quddiem in-Nutar Dr Mark Anthony Sammut bħala xhud tal-identita' u tal-firem tal-firmatarji. Illi kiopja ta' din l-Skrittura Privata qegħda tiġi mehmuża mal-Elenku ta' Dokumenti fil-Ħames (5) Taqsima ta' dan ir-Rikors Ġuramentat odjern.

2. Illi minbarra r-rikorrenti / attriċi dehru wkoll il-konvenut / intimat **ROSARIO CORTIS** bħala Segretarju ta' Kumpanija, iben il-mejjet Joseph u miegħu deher ibnu **PHILIP CORTIS**, Direttur ta' Kumpanija, u fejn it-tnejn li huma fil-kariga premessa rispettivament dehru fuq l-Skrittura Privata msemmija f'isem u in rappreżentanza tal-Kumpanija **MICRO TECHNOLOGY CONSULTANCY LIMITED**, kif debitament awtoriżżati bis-saħħa tal-istatut tal-istess Kumpanija li kellhom ikunu fl-Iskrittura Privata ċitata u hawn mehmuża bħala kopja awtentikata bħala Dokument MDVC1, kellhom ikunu magħrufa *nomine* bħala l-"kerrejja": *vide* wkoll id-dokument MDVC1 fit-taqsima Elenku ta' Dokument ma' dan ir-Rikors Ġuramentat odjern.

3. Illi huwa **IMPORTANTISSIMU** li nosservaw li r-rikorrenti / attriċi weħidha u f'isimha personali bħala s-sid tal-proprjeta' parafernali fil-garaxx ċitat fl-Iskrittura Privata msemmija, waqt illi ż-żewġ konvenuti Rosario Cortis u ibnu Philip Cortis dehru rispettivament bħala s-segretarju u direttur tal-Kumpanija Micro Technology Consultancy Limited fejn ġie ndikat li ż-żewġ konvenuti Rosario Cortis u Philip Cortis kienu debitament awtoriżżati bis-saħħa tal-

istatut tal-istess Kumpanija: **DAN HUWA IMPORTANTI LI JIĠI NNUTAT.**

4. Illi a bażi tal-Iskrittura Privata msemmija, ir-rikorrenti / attriċi allegatament legalment kriet fil-preżenza tan-Nutar Dr Mark Anthony Sammut u fl-uffiċju tal-istess fil-Mellieħa, il-proprjeta' garaxx f'Ħaż-Żebbuġ, Triq l-Isqof Caruana, bl-isem "Townhall"(li hija kienet saret sit tiegħu b'Titolu ta' Donazzjoni mingħand missierha ) pero' jerġa' jiġi enfasiżżat dana sar mir-rikorrenti / attriċi weħidha, u ċjoe' mingħajr ma ffirma magħha għal kwalsiasi interess legali li jista' jkollu żewġha Emanuel Vella *vide* Dokument MDVC1 fl-Elenku ta' Dokumenti.

5. Illi jiġi għalhekk illi l-ewwel u qabel kollox tali skrittura privata kienet legalment monka għax bħala firmatarju kellu jidher ukoll il-Konsorti tar-rikorrenti / attriċi **MARIA DOLORES VELLA CAMILLERI**, pass proċedurali li ma seħħx u dan għamel tali Skrittura Privata normali ċitata legalment monka u kwindi nulla u nvalida skond il-liġi, pero' iżjed serju minn hekk legalment huwa l-fatt li sussegwentement, ossija ferm wara l-iffirmar tal-Iskrittura Privata ċitata ta' nhar il-Ġimgħa l-1 ta' Diċembru, 2000, irriżulta li s-Soċjeta' Kummerċjali ndikata bħala Kumpanija fl-Iskrittura Privata ċitata tal-1 ta' Diċembru, 2000 ossija il-**MICRO TECHNOLOGY CONSULTANCY LIMITED** kienet għadha lanqas biss legalment teżisti fl-1 ta' Diċembru, 2000, u għalhekk tali Skrittura Privata saret mill-attriċi / rikorrenti biss mingħajr l-assistenza ta' żewġha legalment meħtieġa kontra **L-BAĦĦ** għaliex Rosario Cortis u Philip Cortis iż-żewġ konvenuti / intimati li hawn qegħdin jitħarku kienu kienu qed jaġixxu mingħajr qatt ma seta' kellhom awtorizzazzjoni li jagħmlu dan fil-liġi, in rappreżentanza ta' kumpanija li legalment lanqas biss kienet teżisti u kwindi tali Skrittura Privata hija legalment ukoll nulla u nvalida, ineffettiva u mhux enforzabbli skond il-liġijiet ta' Malta, il-liġijiet tal-Unjoni Ewropea, u l-liġijiet internazzjoni nkluż dak tad-Dritt Internazzjonali Privat.

6. Illi dan huwa l-obbjettiv ewlieni tal-intavolar ta' dan ir-rikors ġuramentat odjern, u ċjoe' li qed jiġi sottomess li l-Iskrittura Privata tal-1 ta' Diċembru, 2000, hija legalment

nulla u nvalida, ineffettiva u mhux enforzabbli minħabba r-raġunar fattwalment indikat fil-Premessi preċedenti. Illi, għaldaqstant, bażikament għalhekk li qegħda tiġi ntavolata din il-kawża *purche* huwa ta’ ħtieġa għal rilevanzi legali u fattwali oħra, li jsiru u jitniżżlu premessi oħra.

7. Illi skond Dokument uffiċjali rilaxxjat mill-Malta Financial Services Authority (Registry of Companies) skond il-liġi tal-kumpanija tal-1995 is-soċjeta’ kummerċjali konvenuta Micro Technology Consultancy Limited ġiet irreġistrata biss lejliet il-Kunċiżżjoni, nhar il-Ħamis, 7 ta’ Diċembru tas-sena 2000, u li allura kien biss nhar il-Ħamis, 7 ta’ Diċembru, tas-sena 2000 li s-soċjeta’ kummerċjali konvenuta / intimata Micro Technology Consultancy Limited ġiet mgħammda bin-numru ta’ reġistrazzjoni C 27413 u għalhekk l-eżistenza legali ta’ din is-soċjeta’ kummerċjali numru C 27413 bl-isem ta’ Micro Technology Consultancy Limited saret legalment teżisti fis-7 ta’ Diċembru, 2000 u għalhekk l-Iskrittura Privata ċitata u ndikata bħala Dokument MDVC 1 turi biċ-ċar li s-soċjeta kummerċjali konvenuta / intimata ma kienetx legalment teżisti fl-1 ta’ Diċembru, 2000: ara d-dokument MDVC 2.

8. Illi jiġi għalhekk li ġaladarba kif qed jiġi sottomesslegalment l-Iskrittura Privata ċitata hija nulla u nvalida, ineffettiva u mhux enforzabbli ma setgħux isiru ebda Atti konsegwenzali, sussegwenzjali u nċidentali direttament u / jew indirettament relatati mal-Iskrittura Privata ċitata tal-1 ta’ Diċembru tas-sena 2000, ’il għaliex dak li hu null ***ab initio*** (mill-bidu), huwa null għall-atti kollha konsegwenzjali, sussegwenzjali, inċidentali u direttament u / jew indirettament konnessi mal-Att Promotur f’dan il-każ l-Iskrittura Privata ċitata tal-1 ta’ Diċembru, 2000.

9. Illi f’dan ir-rigward u f’din l-inkwadratura għandha ssir referenza għal Ittra Ġudizzjarja datata l-Ħamis, 18 ta’ Lulju, 2002 u mibgħuta u debitament notifikata lit-tliet konvenuti ossija lis-soċjeta kummerċjali msemmija u lill-konvenuti missier u iben Rosario Cortis u Philip Cortis

rispettivament, flimkien ma' Awtoritajiet Kompetenti oħra, fosthom id-direttur tal-Malta Financial Services Authority u l-Kummissarju tal-Pulizija u lill-MEPA fejn l-attriċi / rikorrenti Maria Dolores Vella Camilleri f'isimha f'isimha personali u anka bħala mandatarja speċjali tal-istess żewġha Emanuel u bil-kunsens tal-istess irreferiet għal dan il-fond garaxx magħruf bl-isem ta' 'Townhall" fi Triq l-Isqof Caruana, ġewwa Ħaż-Żebbuġ, u nterpellat lill-konvenuti biex *"immedjatament tiżgumbraw u tħallu vojt u vakanti, bil-pussess liberu l-fond fuq indikat"*, *"u fin-nuqqas sejrin jinbdew kontra tagħkom proċeduri kriminali u ċivili skond il-liġi, minbarra li tiġu miżmuma responsabbli għal kwalsiasi forma ta' danni ġja' sofferti mill-mittenti, li qegħdin isofru u li għad jistgħu jsofru"*.

10. Illi ġja' bl-Ittra Ġudizzjarja msemmija, tal-Ħamis 18 ta' Lulju, 2002, kienet saret da parti tal-attriċi / rikorrenti t-talba biex il-konvenuti jiżgumbraw mill-fond imsemmi, inkluż referenza dwar jekk is-soċjeta' kummerċjali konvenuta / intimata Micro Technology Consultancy Limited kienetx irreġistrata u konformi mal-liġi, naturalment fil-mument li allegatament tali soċjeta' kummerċjali konvenuta kienet ġja' teżisti.

11. Illi tali Ittra ġudizzjarja ntavolata fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-Ħamis 18 ta' Lulju 2002 ġiet debitament notifikat lit-tliet konvenuti hawn imsemmija, u dan qed jingħad għal kull buon fin fir-rigward ta' xi eċċezzjoni li għal xi raġuni jew oħra l-konvenuti jew min minnhom jiddetermina li jissolleva quddiem dina l-Onorabbli Qorti u biex ma jinħeliex ħin inutilment ħalli l-ġustizzja ssir u tidher li qegħda ssir.

12. Illi f'dan l-istadju ssir referenza għaċ-ċitazzjoni numru 1194/02 – JA fl-ismijiet, liema Atti Proċesswali ta' din iċ-ċitazzjoni preżenzjalment jinsabu quddiem il-wisq Onorabbli Qorti tal-Apprll minħabba proċedura ta' Ritrattazzjoni li ġiet intavolata nhar it-3 ta' Lulju, 2006 u li sal-mument li fih qed tiġi ntavolata din il-kawża odjerna għadha ma ġietx appuntata għall-Ewwel Dehra u għas-smiegħ, pero' illi jekk ikun il-każ ir-rikorrenti / attriċi titlob lil dina l-Onorabbli Qorti li tawtorizża li tiġi allaċċjata kopja

fotostatika ta’ dan il-proċess fl-intier tiegħu kollu li jerġa’ jiġi ripetut preżenzjalment qiegħed taħt l-awspiċi tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tal-Qrati tal-Ġustizzja tar-Repubblika ta’ Malta.

13. Illi jkun ta’ utilita’ kbira għal objettivi referenzjali li dina l-Onorabbli Qorti tordna l-allaċċjament tal-Atti Proċesswali konċernanti Rikors għal sospensjoni ta’ eżekuzzjoni ta’ Sentenza ta’ nhar il-Ħamis, 6 ta’April 2006, mill-Qorti tal-Appell, Appell Ċivili: 1194/2002 – JA, fl-ismijiet **“Micro Technology Consultancy Limited – vs – Maria Dolores Vella Camilleri u Emanuel Vella”** liema Rikors b’Urġenza għat-twaqqif ta’ eżekuzzjoni tas-sentenza ċitatat a bażi ta’ Artikolu 823 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta jinsab appuntat għas-smiegħ għal nhar il-Ħamis 12 ta’ Ottubru 2006 rikors numru 178/06, f’liema Atti Proċesswali nsibu dokumentazzjoni mportanti bħal per eżempju Protest Ġudizzjarju ta’ Micro Technology Consultancy Limited ta’ numru 20, Triq Campis, Ħaż-Żebbuġ fejn issir referenza għall-Iskrittura tal-1 ta’ Diċembru 2000 u fejn il-kumpanija li għandha numru ta’ reġistrazzjoni C 27413 qed tibqa’ ssostni li hi kienet kriet mingħand l-attriċi / rikorrenti l-fond bl-isem “Townhall” Triq l-Isqof Caruana, f’Ħaż-Żebbuġ u dan għal skopijiet kummerċjali , meta diġa’ bħala stat ta’ fatt ġie stabbilit li l-Micro Technology Consultancy Limited bin-numru ta’ reġistrazzjoni C 27413 ma kenitx legalment eżistenti fl-1 ta’ Diċembru 2000 (*vide* Dokument MDVC 2 mal-Elenku ta’ Dokumenti u li effettivament il-fond *de quo* kien baqa’ u għadu garaxx li ma jistax jintuża għall-iskopijiet kummerċjali msemmijin per eżempju fil-Protest Ġudizzjarju tas-soċjeta’ kummerċjali konvenuta Micro Technology Consultancy Limited li ġie ntavolat nhar is-27 ta’ Ġunju tas-sena kurrenti: għalhekk il-ħtieġa fost raġunijiet oħra (bħal per eżempju l-Kontro Protest Ġudizzjarju tal-konjugi Maria Dolores Vella Camilleri u Emanuel Vella tal-24 ta’ Lulju tas-sena kurrenti) li l-Atti Priċesswali tar-rikors numru 178/06 kif indikat f’din il-Premessa partikolari għandhom jiġu allaċċjati mal-Atti ta’ din iċ-Ċitazzjoni odjerna jew almenu kopja fotostatika tal-istess Atti Proċesswali debitament awtentikati.

14. Illi s-soċjeta' kummerċjali konvenuta abbużivament (billi kien ben saput li fl-1 ta' Diċembru, 2000, tali soċjeta' kummerċjali ma kienetx legalment eżistenti u hawn terġa' ssir referenza għad-Dokument MDVC 2 mal-Elenku tad-Dokumenti), kienet intavolat kawża f'din il-Qorti nhar it-23 ta' Ottubru, 2002, liema ċitazzjoni ngħatalha n-numru ta' referenza 1194/02 li eventwalment kienet ser tinstema' f'din il-Qorti mill-Onorevoli Imħallef Dr Joseph Azzopardi, LL.D., u fejn l-istess soċjeta' kummerċjali konvenuta bbażat l-azzjoni tagħħha proprju fuq l-Iskrittura Privata ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Diċembru, 2002, li l-atturi / rikorrenti f'dan ir-Rikors Ġuramentat qegħdin jindikaw li huma dejjem sostnew li tali Skrittura Privata hija nulla u nvalida ineffettiva u mhux enforzabbli u partikolarment peress illi s-soċjeta' kummerċjali konvenuta qarrqet bl-attriċi / rikorrenti bħala s-sid tal-fond *de quo* meta ndikat l-imsemmija soċjeta' kummerċjali konvenuti li fil-mument tal-Iskrittura Privata ta' jum il-Ġimgħa, l-1 ta' Diċembru 2000 kienet legalment teżisti meta effettivament bi provi din ma bdiet legalment teżisti qabel is-7 ta'Diċembru 2000, jiġifieri sitt ijiem wara, bin-numru tar-reġistrazzjoni C 27413, skond id-dokument MDVC 2 mehmuż mal-Elenku tad-Dokumenti.

15. Illi ċ-ċitazzjoni numru 1194/2002 JA fl-ismijiet **"Micro Technology Consultancy Limited – vs – Maria Dolores Vella Camilleri et"** ġiet eventwalment notifikata lill-Atturi / Rikorrenti odjerna permezz tal-proċedura tal-Affissjoni u fl-20 ta' Ġunju tas-sena 2003, l-Atturi / rikorrenti odjerni (fiċ-ċitazzjoni numru: 1194/2002 JA naturalment kienu l-konvenuti konjuġi Vella) fejn ġiet ippreżentata Nota tal-Eċċezzjonijiet u kontro-talba.

16. Illi fin-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-20 ta' Ġunju 2003 fiċ-ċitazzjoni numru : 1194/2002 JA fl-ismijiet kif fuq indikati fil-Premessi preċedenti, il-konjuġi Vella kienu *in linea* preliminari eċċepew in-nullita' taċ-ċitazzjoni billi mhux minnu li s-soċjeta' attriċi tikri mingħand il-konvenuta Maria Dolores Vella Camilleri l-fond bl-isem "Townhall" u dan kif jiġi pruvat fil-mori ta' din il-kawża, imma sfortunatament dak l-istadju fil-kawża numru 1194/2002 JA għad baqagħlu biex jasal u *nel frattemp* ġew

preġudikati serjament l-atturi / rikorrenti oderni minħabba li ġew misjuba li kienu ħatja ta' spoll fil-konfront ta' Micro Technology Consultancy Limited, meta dan qatt ma seta' jsir għaliex l-Micro Technology Consultancy Limited fl-1 ta' Diċembru tas-sena 2000 legalment ma kienetx teżisti, u dana l-punt legali u fattwali ta' IMPORTANZA enormi sfortunatament jidher li sfuġġa kemm lil din il-Qorti kif ukoll lill-Onorabbli Qorti tal-Appell b'mod illi – *inter alia* – kellhom jiġu ntavolati bi spejjeż konsiderevoli għall-atturi / rikorrenti il-proċeduri għar-ritrattazzjoni skond il-liġijiet ta' Malta.

17. Illi anke fiċ-ċitazzjoni numru 1194/2002 JA fl-ismijiet kif indikati fil-premessi preċedenti, l-atturi / rikorrenti talbu fis-seba' eċċezzjoni tagħhom a fol 19 tal-proċess tal-kawża ċitata li kellhom jiġu kjamati f'dik il-kawża Rosario Cortis u ibnu Philip Cortis bħala t-terzi persuni intimament involuti f'dan il-każ u anke bħala d-diretturi tas-soċjeta' kummerċjali attriċi Micro Technology Consultancy Limited, u dana għal raġunijiet li jiġu pruvati fil-mori ta' din il-kawża, jiġifieri dik il-kawża.

18. Illi huwa mportanti ħafna kienet it-tmiem eċċezzjoni tal-atturi / rikorrenti meta fl-20 ta' Ġunju, 2003 l-atturi / rikorrenti f'din il-kawża imma bħala konvenuti fiċ-ċitazzjoni ċitata kienu eċċepew illi f'kull każ u *in linea* preliminari wkoll in-nullita' taċ-ċitazzjoni odjerna billi fil-mument tal-allegata lokazzjoni li seħħet bejn Maria Dolores Vella Camilleri s-soċjeta' kummerċjali Micro Technology Consultancy Limited, is-soċjeta' attriċi kummerċjali Micro Technology Consultancy Limited, is-soċjeta' attriċi ma kienetx għadha legalment eżistenti u kwindi ma seta' qatt kellha *locus standi* għal skopijiet legali. Kwindi n-nullita' taċ-ċitazzjoni odjerna bħala li hija ppernjata fuq persuna li legalment ma kienetx eżistenti.

19. Illi għalhekk huwa ta' importanza enormi li jiġi sottolineat li [ia fit-18 ta' Lulju tas-sena 2002, u fl-20 ta' Ġunju 2003, l-atturi / rikorrenti odjerni kienu ndikaw li s-soċjeta' kummerċjali konvenuta ma kellhiex eżistenza legali nhar l-1 ta' Diċembru tas-sena 2000 u dan għal kwalsiasi skop, objettiv jew raġuni legali u / jew fattwali li

tista’ tiġi sollevata fil-mori tal-proċeduri odjerni, imma fl-istess ħin juri biċ-ċar l-importanza li l-Atti Proċesswali jew kopja fotostatika awtentika tagħhom għandha tiġi allaċċjata fil-mori ta’ din il-kawża mal-Atti Proċesswali ta’ dan ir-rikors ġuramentat odjern u dana għar-raġunijeit tant ovvji liqegħdin jirriżultaw anka f’dan l-istadju u Premessi f’dawn il-proċeduri legali li qegħdin jiġu attwalment intavolati.

20. Illi għalhekk jirriżula manifestament li l-atturi / rikorrenti in effetto kkontestaw diġa’ l-validita’ tal-iskrittura privata ta’ nhar il-Ġimgħa, l-1 ta’ Diċembru, 2000, u dana anka sar – *inter alia* – kemm verbalment, sussegwentament b’ittri nterpellatorji, sussegwentament bl-Ittra Ġudizzjarja ta’ nhar il-Ħamis, 18 ta’ Lulju 2002, imbaghad fil-parametri taċ-ċitazzjoni 1194/2002 JA li uffiċjalment tinsab differita għall-kontinwazzjoni tal-provi quddiem din il-Qorti għal data definittiva pero’ huwa evidenti li sakemm jiġu deċizi proċeduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell fi stadju ta’ ritrattazzjoni, l-Ewwel Qorti mhux ser tkun f’qagħda li tkompli tisma’ din il-kawża għaliex proprju l-atturi / rikorrenti qegħdin isostnu li qatt ma kien hemm legalment farka ta’ mument fejn is-soċjeta’ kummerċjali konvenuta f’din il-kawża odjerna kellha l-pussess tal-fond *de quo,* u dan għaliex fl-1 ta’ Diċembru, tas-sena 2000, is-soċjeta kummerċjali Micro Technology Consultancy Limited ma kienetx legalment teżisti: ***sic et sempliciter!***

21. Illi għandha ssir referenza għad-Dikjarazzjoni Ġuramentata tal-atturi / rikorrenti fiċ-ċitazzjoni numru 1194/2002 JA man-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-istess atturi / rikorrenti odjerni imma *qua* **konvenuti** u fejn hemm imfisser bl-aktar mod dettaljat ta’ x’seħħ fil-fond *de quo* u partikolarment fid-dawl tat-talbiet tas-soċjeta kummerċjali Micro Technology Consultancy Limited f’dik il-kawża billi mbagħad għandha ssir referenza għall-kontro-talba ta’ Maria Dolores Vella Camilleri u Emanuel Vella fejn hemm indikat ċar illi tali Skrittura Privata hija monka u kwindi nulla u nvalida billi l-konvenuti Rosario Cortis u ibnu Philip Cortis kienu jew allegaw li kienu qed jirrappreżentaw kumpanija li fil-liġi ma kienx għad kellha l-ebda ***locus***

***standi*** fid-data li saret l-Iskrittura ta' lokazzjoni u dan għaliex il-konvenuti Rosario Cortis u Philip Cortis qarrqu bl-atturi / rikorrenti dwar l-eżistenza tas-soċjeta' kummerċjali konvenuta Micro Technology Consultancy Limited.

22. Illi ukoll għandha ssir referenza għat-talbiet partikolarment l-ewwel talba fil-kontro-talbiet fiċ-ċitazzjoni numru 1194/02 JA fejn proprju l-ewwel talba ta' Maria Dolores Vella Camilleri u żewġha kienet li l-Iskrittura Privata tal-1 ta' Diċembru 2000, in Atti Nutar Mark Anthony Sammut kienet nulla u nvalida skond il-liġi għar-raġunijiet li qed jingħataw u illi inevitabilment għandhom jirriżultaw fil-mori wkoll ta' dawn il-proċeduri legali.

23. Illi MINGĦAJR PREĠUDIZZJU l-Ittra Ġudizzjarja ta' nhar il-Ħamis, 18 ta' Lulju, 2002 li ġiet debitament notifikata, uffiċjalment neħħiet kwalsiasi rabta bejn il-Micro Technology Consultancy Limited u l-atturi / rikorrenti odjerni u jerġa' jiġi enfatikament ripetut li jkun fl-interess tat-trasparenza tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja li l-Atti Proċesswali taċ-Ċitazzjoni Numru 1194/02 JA jiġu issa allaċċjati formalment ma' din il-kawża odjerna u li sakemm tiġi deċiża definittivament din il-kawża odjerna għandhom jiġu sospiżi l-proċeduri pendenti nkluż dawk tar-ritrattazzjoni quddiem il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell, u dana għal raġunijiet ovvji, 'il għaliex jekk jirriżulta definittivament li l-Iskrittura Privata tal-1 ta' Diċembru 2000 hija nulla u nvalida, ineffettiva u mhux enforzabbli awtomatikament jaqgħu bħala nvalidi l-proċeduri inizjati minn Micro Technology consultancy Limited nhar it-23 ta' Ottubru 2002, u sussegwentament it-talbiet tal-istess Micro Technology Consultancy Limited, il-kontro-talbiet tal-atturi / rikorrenti fiċ-ċitazzjoni numru 1194/02 JA u fl-istess vina tat-trasparenza fil-ġustizzja ma jkun hemm ebda lopk li tkompli tinstema r-Ritrattazzjoni preżenzjalment pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell imma li għadha fil-mument li qed tiġi ntavolata din il-kawża ma ġietx appuntata, pendenti s-smiegħ ta' rikors għas-sospenzjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza tas-6 ta' April 2006, mill-Qorti tal-Appell dwar kif jidher li nterpretat din l-Ewwel Qorti, l-ewwel parti tal-kawża 1194/02 JA fl-ismijiet

**"Micro Technology Consultancy Limited – vs – Maria Dolores Vella Camilleri et"**.

24. Illi premess dan kollu, jgħidu l-konvenuti jew min minnhom għala din il-wisq Onorabbli Qorti m'għandhiex taqta', tiddeċiedi u tordna illi:-

## II. <u>TALBIET</u>

(i) L-Iskrittura Privata datata l-Ġimgħa, l-ewwel (1) ta' Diċembru tas-sena elfejn (2000) iffirmata f'Malta, il-Mellieħa, fi Triq il-Parroċċa, numru ħamsa (5), quddiem in-Nutar Dr Mark Anthony Sammut bħala xhud tal-identita' u tal-firem tal-firmatarji bejn **Maria Dolores Vella Camilleri**, mart Emanuel, bħala s-sid u l-konvenuti Rosario Cortis bħala segretarju ta' kumpanija u ibnu Philip Cortis bħala direttur ta' kumpanija li allegatament dehru f'isem u in rappreżentanza tal-kumpanija dak iż-żmien legalment u fattwalment ineżistenti bl-isem tas-soċjeta' kummerċjali konvenuta **Micro Technology Consultancy Limited** hija nulla u nvalida, ineffettiva u mhux enforzabbli għal ebda skop u / jew objettiv fil-fatt u fid-dritt skond il-liġijiet ta' Malta.

(ii) Għandu jiġi formalment dikjarat minn dina l-Onorabbli Qorti li a abażi tad-dokument MDVC 2 mehmuż mal-atti proċesswali ta' dan ir-rikors ġuramentat fit-Taqsima Elenku tad-Dokumenti, huwa evidenti lis-soċjeta' kummerċjali konvenuta Micro Technology Consultancy Limited li għandha n-numru ta' reġistrazzjoni C 27413 ma kienetx teżisti legalment qabel il-Ħamis, 7 ta' Diċembru tas-sena 2000 u li kwindi ma kienetx f'qagħda legali u fattwali la li tawtorizza lill-konvenuti Rosario Cortis u ibnu Philip Cortis biex jirrappreżentawha, wisq anqas biex f'isem is-soċjeta' kummerċjali konvenuta jiffirmaw xi Skrittura Privata bħalma għamlu quddiem in-Nutar Dr Mark Anthony Sammut nhar il-Ġimgħa l-1 ta' Diċembru 2000.

(iii) Li effettivament is-soċjeta' kummerċjali konvenuta Micro Technology Consultancy Limited ma bdietx tiffunzjona qabel it-3 ta' Mejju, 2002 u dana minn meta jiġifieri ssottomettiet il-Memorandum of Association

tagħha fir-Reġistru tal-Malta Financial Services Authority flimkien mal-Articles of Association tal-istess soċjeta' kummerċjali konvenuta, u allura dana jindika kemm ma kienx hemm ebda dubju li s-soċjeta' kummerċjali konvenuta ma setgħet qatt kienet f'qagħda li validatament u effettivament tiffirma Skrittura Privata li setgħet tkun legalment enforzabbli kif b'qerq qed tissottometti li għamlet fl-1 ta' Diċembru 2000 kif irriżulta fil-mori ta' din il-kawża.

(iv) Illi tali Skrittura Privata tal-Ġimgħa, l-ewwel (1) ta' Diċembru 2000 hija nulla u nvalida wkoll għaliex fiha ma kienx firmatarju parteċipanti r-raġel tal-attriċi / rikorrenti Emanuel Vella kif tirrikjedi l-liġi u li għaldaqstant anke għal din ir-raġuni, l-Iskrittura Privata ta' jum il-Ġimgħa, l-1 ta' Diċembru 2000, għandha tiġi dikjarata nulla u nvalida, ineffettiva u mhux enforzabbli skond il-liġi billi wieħed mill-elementi legalment meħtieġ bejn il-miżżewġin mhux legalment mifrudin jew iddivorzjati huwa Atti bħall-Iskrittura Privata tal-1 ta' Diċembru 2000, ikunu biss legalment validi jekk ikun hemm il-firem taż-żewġ konjuġi jew li waħda jew wieħed mill-konsorti jiffirma wkoll għall-parti l-oħra bl-awtoriżżazzjoni tal-istess, kif seħħ per eżempju fl-Ittra Ġudizzjarja ta' nhar il-Ħamis, 18 ta' Lulju 2002.

(v) Għandhom jiġu preliminarjament allaċċjati mal-Atti Proċesswali ta' din il-kawża l-Atti Proċesswali tar-Rikors numru 178/06 fl-ismijiet **"Micro Technology Consultancy Limited – vs – Maria Dolores Vella Camilleri u Emanuel Vella"**, liema Atti jikkonsistu f'Rikors b'Urġenza a bażi ta' Artikolu 8823 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċjoe' Rikors b'Urġenza għat-twaqqif ta' eżekuzzjoni ta' sentenza ntavolata fil-Qorti tal-Appell nhar it-3 ta' Lulju 2006, fl-Atti tal-Appell Ċivili: 1194/2002 JA, fl-ismijiet **"Micro Technology Consultancy Limited – vs – Maria Dolores Vella Camilleri u Emanuel Vella"**, liema Rikors b'Urġenza huwa preżenzjalment appuntat għas-smiegħ quddiem il-wisq Onorabbli Qorti tal-April għal nhar il-Ħamis, 12 ta' Ottubru 2006 u li bih jinsabu wkoll debitament notifikati s-

soċjeta' kummerċjali konvenuta u l-konvenuti l-oħra Rosario Cortis u ibnu Philip Cortis.

(vi) Illi **preliminarjament ukoll** dina l-Onorabbli Qorti għandha tordna li effettivament jiġi wkoll sospiż ir-rikors b'urġenza għat-twaqqif ta' eżekuzzjoni ta' sentenza tat-3 ta' Lulju 2006, indikat fit-talba preċedenti, u dana sakemm isir magħruf l-eżitu definittivament permezz ta' deċiżjonijiet mill-Onorabbli Qrati tal-Ġustizzja tar-Repubblika ta' Malta u possibilment ukoll anke dawk tal-Unjoni Ewropea jekk skond il-liġi ta' Malta u tal-Unjoni Ewropea, u skond il-liġi internazzjonali tad-Dritt Privat qatt setgħetx l-Iskrittura Privata ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Diċembru, 2000 titqies li b'xi mod kienet valida u mhux invalida, nulla u ineffettiva u mhux effettiva, u kwindi mhux enforzabbli għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u dan fid-dawl ta' dak kollu li jirriżulta fil-mori tal-Atti Proċesswali ta' dan ir-Rikors Ġuramentat (Kawża / Ċitazzjoni) odjern.

(vii) Illi preliminarjament ukoll għandu jiġi allaċċjat l-Att Proċesswali fl-intier tiegħu kollu taċ-ċitazzjoni numru 1194/02 JA fl-ismijiet **"Micro Technology Consultancy Limited – vs – Maria Dolores Vella Camilleri et"** li preżenzjalment jinsab fl-istadju tal-proċedura ta' Ritrattazzjoni pero' li għadu mhux appuntat *purche* jidher illi l-proċedurilegali quddiem din il-Qorti huma proviżorjament appuntati għall-kontinwazzjoni għal nhar it-Tnejn, 16 ta' Ottubru 2006 fid-disgħa u nofs ta' fil-għodu quddiem din il-Qorti presjeduta mill-Onorevoli Imħallef Dr Joseph Azzopardi, LL.D., imma evidentament minħabba l-proċedura ta' Ritrattazzjoni quddiem il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell li għadha mhux appuntata, l-impenn għat-Tnejn, 16 ta' Ottubru, 2006, fid-disgħa u nofs ta' fil-għodu fiċ-ċert kważi mhux ser ikun jista' jiġi onorat għar-raġunijiet li hawn qegħdin jiġu ndikati u għalhekk preliminarjament qed jiġi sottomess li dina l-Onorabbli Qorti għandha tordna l-allaċċjament tal-Atti Proċesswali kollha taċ-Ċitazzjoni numru 1194/02 JA u li l-proċeduri tagħhom jiġu sospiżi indefinittivament sakemm ikun magħruf l-eżitu tar-Rikors Ġuramentat odjern partikolarment fid-dawl tal-punt rilevantissimu, il-*punto chiave* dwar il-validita' *o meno*, l-enforzabbilita' *o meno*,

in-nullita' *o meno*, tal-Iskrittura Privata tal-Ġimgħa, l-ewwel (1) ta' Diċembru 2000 kif insibuha mehmuża kopja fotostatika awtentika mal-Elenku tad-Dokumenti bħala Dokumenti MDVC 1 f'dan ir-Rikors Ġuramentat odjern.

(viii) ***In linea* preliminari** wkoll din l-Onorabbli Qorti għandha tordna li dawn il-proċeduri odjerni jinstemgħu b'**urġenza** minħabba l-preġudizzju kbar li qegħdin isofru l-Atturi / Rikorrenti li għandhom il-proprjeta' immorbiljari tagħhom f'Ħaż-Żebbuġ magħluqa kif attwalment hekk ilha mil-lejl tal-Ħamis, 8 ta' Awissu 2002 jiġifieri perjodu ta' erba' snin u xahar u kważi ġimgħa ilu sal-mument li qed jiġi maħluf dan ir-Rikors Ġuramentat odjern.

(ix) Li għandhom jiġu likwidati d-danni li l-Atturi / Rikorrenti b'riżultat tal-**qerq** tal-konvenuti jew minn min minnhom sofrew, qedgħin isofru u għad jistgħu jsofru minħabba l-konsegwenzi li seħħew kaġun tal-Iskrittura Privata tal-1 ta' Diċembru 2000 u dana fid-dawl tat-talbiet tal-Atturi / Rikorrenti kif hawn fuq suesposti, meta tali Skrittura Privata kien ben magħruf mill-konvenuti kollha jew minn min minnhom li kienet nulla u nvalida, ineffettiva u mhux enforzabbli skond il-Liġijiet ta' Malta, u tal-Ewropa u tad-Dritt Internazzjonali Privat.

(x) L-ispejjeż kollha ġudizzjarji u extra ġudizzjarji, direttament u / jew indirettament, konnesi ma' dawn il-proċeduri odjerni għandhom jiġu soppartati fl-intier tagħhom mil-konvenuti jew minn min minnhom u dana peress li huma kienu l-kaġun li b'qerq ġiet iffirmata Skrittura Privata li ab initio kien ben magħruf mill-konvenuti Rosario Cortis u ibnu Philip Cortis likienet nulla u nvalida, ineffettiva u mhux enforzabbli skond il-Liġi ta' Malta, tal-Unjoni Ewropea u fid-Dritt Internazzjonali Privat.

(xi) Li għandhom jingħataw dawk il-provedimenti kollha opportuni li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u ġust li tagħti u tordna fiċ-ċirkostanzi, fid-deskrizzjoni assoluta tagħha, u partikolarment a bażi u fid-dawl tat-talbiet tal-atturi / rikorrenti f'dan ir-Rikors Ġuramentat odjern kif hawn fuq suesposti.

(xii) Li fl-eventwalita’ tal-kontumaċja tal-konvenuti jew xi ħadd mit-tliet konvenuti hawn indikati, dina l-wisq Onorabbli Qorti għandha taħtar Kuraturi Deputati biex jirrapreżentaw lill-assenti li jkun baqa’ kontumaċi biex il-progress f’din il-kawża ma jiġi bl-ebda mod stallat u dana fl-interess tal-ġustizzja u biex il-ġustizzja mhux biss issir imma tidher li qegħda ssir.

25. Bl-ispejjeż kollha ġudizzjarji u extra ġudizzjarji kontra t-tliet konvenuti hawn indikati li minn issa t-tliet konvenuti hawn imsemmija jiġu nġunti **IN SUBIZZJONI** taħt il-penalitajiet kollha kontemplati mil-Liġijiet ta’ Malta, tal-Unjoni Ewropea u tad-Drittijiet Internazzjonali Privat jekk il-konvenuti jew min minnhom jonqsu ġaladarba debitament notifikati li jidhru fil-proċeduri legali quddiem il-Qrati tal-Ġustizzja tagħna f’dan ir-Rikors Ġuramentat odjern.

26. **B’riżerva ta’ kwalsiasi azzjoni għad-danni spettanti lill-atturi / rikorrenti kontra t-tliet konvenuti ndikati jew min minnhom u dana bażi tal-provi li ndubitament jirriżulta mhux kontestati fil-moiri ta’ dawn il-proċeduri f’dan ir-rikors ġuramentat odjern**

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti ppreżentata fid-9 ta’ Ottubru 2006, li permezz tagħha eċċepew:

**Eċċezzjonijiet**

1. Illi r-rikors ġuramentat huwa null u mingħajr effett u dan peress illi r-rekwiżiti *ad validitatem ai termini* tal-Kap 12 ma ġewx segwiti.

2. Illi l-kawża hija nulla u dan peress li ġiet intavolata kontra persuni li m’humiex identifikati b’mod ċar fl-okkju senjatament għall-kliem *“l-konsorti tiegħu”.*

3. Illi mingħajr preġudizzju għal dak ġia eċċepit, l-ewwel talba fir-rikors promotur hija xejn ħlief ripetizzjoni ta' talba identika mressqa mill-atturi fil-konfront ta’ Micro

Technology Consultancy Limited fil-kontro-talba intavolata fil-kawża fl-ismijiet **"Micro Technology Consultancy Limited vs Maria Dolores Vella et"** (1194/02 JA) u għalhekk din l-azzjoni hija invalida, frivola u vessatorja. Illi *se mai* din il-kawża għandha tistema' kontestwalment mal-kawża su citata.

4. Illi mingħajr preġudizzju għal dak ġja' eċċepit, dawn il-proċeduri ma għandhomx jinstemgħu qabel mas-soċjeta' konvenuta tiġi reintegrata fil-pussess tal-fond bl-isem Town Hall fi Triq l-Isqof Caruana, Ħaż-Żebbuġ, liema pussess ġie spoljat mill-istess atturi, u dan kif deċiż mill-Qorti tal-Appell, u dan peress li t-talbiet magħmula fir-rikors ġuramentat, partikolarment it-talba għal dikjarazzjoni dwar il-validita' tat-titolu ta' lokazzjoni li għandha s-soċjeta' konvenuta, tikkwalifika din il-kawża bħala waħda ta' natura petitorja, u kwindi dawn il-proċeduri ma jistgħux jitkomplew qabel ma jkun hemm ir-reintegrazzjoni fil-pussess kif ordnat permezz ta' sentenza kkonfermata mill-Qorti tal-Appell.

5. Illi mingħajr ebda preġudizzju għal dak eċċepit, l-ewwel talba mressqa mill-atturi hija identifika għal talba mressqa minnhom stess fi proċeduri oħra, is-smiegħ ta' din il-kawża jikser il-prinċipju ta' *ne bis in idem.*

6. Illi fil-mertu jiġi eċċepit li din l-iskrittura mertu ta' din il-kawża ma hijiex nulla u nvalida fil-liġi kif allegat mill-atturi u dank if se jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

7. Illi kontra kif allegat fir-rikors ġuramentat ma kien hemm l-ebda qerq fil-konfront tal-atturi da parti tal-konvenuti u dan peress li l-atturi kienu nfurmati li Micro Technology Consultancy Limited kienet *"in formation"*, u dan kif se jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

8. Illi r-raba' talba għandha tiġi miċħuda, u dan peress li l-firma tar-raġel, u ċjoe' Emanuel Vella qatt ma kienet meħtieġa sabiex issir din l-iskrittura *stante* li l-proprjeta' mikrija lis-soċjeta' konvenuta hija parafernali kif *del resto* dikjarat mill-atturi fir-rikors ġuramentat.

9. Illi l-proċeduri għar-ritrattazzjoni li qegħdin jinstemgħu quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell għandhom jinstemgħu quddiem dik il-Qorti li quddiemha saret it-talba għal ritrattazzjoni u dank if stabbilit mill-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

10. Illi s-sitt talba hija improponibbli u dan peress li tali talba tista’ tigi deċiża biss mill-Qorti tal-Appell u konsegwentement hija frivola u vessatorja.

11. Illi dak mitlub fis-seba’ talba jmur kontra l-proċedura stabbilita, u dan peress li din il-kawża għandha timxi mal-kawża li qed tinstema’ minn din il-Qorti diversament presjeduta, u ċjoe’ mill-Onor. Imħallef Dr Joseph Azzopardi u mhux bil-maqlub kif mitlub mill-atturi.

12. Illi t-tmien talba, għandha tiġi miċħuda, u dan peress li l-fond li nkera lis-soċjeta’ konvenuta ngħalaq mill-istess atturi meta huma kkommettew spoll fil-konfront tas-soċjetaħ konvenuta, u dan kif deċiż mill-Qorti tal-Appell. Illi sal-lum, ħadd mill-konvenuti m’għandu l-pussess ta’ dan il-fond, u l-pussess tiegħu jinsab f’idejn l-atturi li spoljaw lis-soċjeta’ konvenuta mill-pussess tal-istess fond. Illi *di piu’* l-pussess ta’ dan il-fond għandu jiġi reintegrat lis-soċjeta’ konvenuta kif ordnat mill-Qorti permezz ta’ sentenza kkonfermata fil-Qorti tal-Appell.

13. Illi d-disa’ talba, hija ripetizzjoni ta’ talbiet oħra u konsegwentement hija frivola u vessatorja. Illi *di piu’* ħadd mill-konvenuti ma qarraq bl-atturi jew xi ħadd minnhom u dan kif se jiġi ppruvat waqt is-smiegħ tal-kawża.

14. Illi l-għaxar talba, għandha tiġi miċħuda, u dan għar-raġunijiet li se jkunu ppruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

15. Illi l-ħdax-il talba hija mproponibbli skond il-liġi, u dan peress li hija ġenerika, ekwivoka u tmur kontra dak stabbilit fil-proċedura.

16. Illi t-tnax-il talba hija frivola u vessatorja *stante* li f'dak propost f'din il-kawza mill-atturi ma hemm ebda ħtieġa ta' ħatra ta' kuraturi kif mitlub.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Semgħet il-provi u rat l-affidavits;

Rat is-sentenza tagħha tat-28 ta' Frar 2007 li permezz tagħha l-Qorti diversament presjeduta ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni u ordnat li l-kawża tintbagħat quddiem din il-Qorti kif presjeduta;

Rat ir-rapport tal-A.I.C. Valerio Schembri nominat mill-Qorti biex jissorvelja l-eżekuzzjoni tas-sentenza, fejn l-istess Perit Tekniku fir-relazzjoni tiegħu kkonferma li l-pussess ġie ripristinat lis-soċjeta konvenuta kif mitlub fiċ-ċitazzjoni;

Rat illi din il-kawża kompliet tinstema' kontestwalment mal-kawża fl-ismijiet inversi li ġġib in-numru 1194/02 JA, fejn il-provi fiż-żewġ kawżi nġabru flimkien;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tal-25 ta' Ġunju 2012 il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi f'din il-kawża qed jitolbu dikjarazzjoni tan-nullita' tal-iskrittura ta' lokazzjoni bejn il-partijiet u dan għal tlett raġunijiet, u ċjoe' li s-soċjeta' konvenuta ma kinitx ġiet iffurmata dakinhar li saret l-iskrittura; li l-attriċi kellha tkun parti mill-ftehim għaliex hija l-proprjetarja tal-fond, u għaliex is-soċjeta' konvenuta ma osservatx il-kundizzjonijiet ta' dak il-ftehim. F'dan l-istadju l-Qorti ma tistax ma tosservax illi wħud mit-talbiet tal-atturi huma biss ripetizzjoni tal-eċċezzjonijiet tagħhom fil-kawża l-oħra ġja' msemmija (1194/02 JA) u lanqas biss ma jistgħu jittieħdu

bis-serjeta' rikjesta mill-Qorti. Fit-talbiet tagħhom l-atturi nkludew ukoll talba għad-danni.

Illi l-Qorti se tinvestiga l-kawżali msemmija waħda waħda.

**REĠISTRAZZJONI TAS-SOĊJETA' KONVENUTA**

Illi ma hemmx dubju li s-soċjeta' konvenuta ġiet reġistrata uffiċjalment ftit ġranet wara li ġiet iffirmata l-iskrittura. Infatti l-iskrittura ġġib id-data tal-1 ta' Diċembru 2000 filwaqt li d-data ta' registrazzjoni tal-kumpanija hija s-7 ta' Diċembru 2000. Jirriżulta anzi li d-depożitu fil-bank li permezz tiegħu il-kumpanija tkun tista' mbagħad tiġi reġistrata, sar fit-22 ta' Novembru 2000.

Illi l-artikolu 78 tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid illi:

*"78. (1) Il-persuni kollha li jmexxu negozju jew jagħmlu ftehim taħt isem jew għan-nom ta' kumpannija li dwarha ma jkunx inħareġ ċertifikat ta' reġistrazzjoni taħt dan l-Att, jew qabel id-data murija fiċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni bħala d-data li fiha dik il-kumpanija għandha tibda sseħħ, ikunu, sakemm ma jkunx miftiehem xort'oħra personalment u solidalment responsabbli dwar terzi għall-atti magħmula taħt dak l-isem.*

*(2) Fin-nuqqas ta' ftehim kuntrarju, il-persuni msemmija fis-subartikolu (1) ikollhom, kontra xulxin u dwar attiv u passiv li jinqalgħu mit-tmexxija tan-negozju f'isem il-kumpanija jew għandhom tagħha, il-jeddijiet u l-obbligazzjonijiet li għandhom koproprjetarji.*

*(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-sub-artikolu (1), in-negozji msemmija f'dak is-subartikolu għandhom jitqiesu bħal li kieku saru mill-kumpanija għar-rigward ta' terzi li trattaw in bona fede ma' persuni li aġixxew f'isem jew għan-nom kumpanija li dwarha ma jkunx inħareġ ċertifikat ta' reġistrazzjoni taħt dan l-Att, jew li ma tkunx għadha ġiet fis-seħħ, b'effett mid-data li fiha l-kumpanija tiġi fis-seħħ; iżda f'dak il-każ id-dispożizzjonijiet tas-sub-artikolu (1) ma japplikawx. Il-kumpannija jkollha jedd li tkun indenniżżata mill-persuni li jkunu aġixxew f'isimha jew għan-nom*

*tagħha dwar ir-responsabbiltà tagħha taħt dan is-sub-artikolu lejn l-imsemmija terzi."*

Illi dan l-artikolu jindika li l-iskop tal-leġislatur ma kienx li jiddikjara nulli atti li jkunu saru mid-diretturi tas-soċjeta' li tkun għadha ma ġietx reġistrata iżda li żżommhom personalment responsabbli f'dak il-każ. Anzi l-artikolu in kwistjoni ried ukoll iżomm ferm kull ftehim li jkun sar ma terzi f'dak il-perjodu bħala kuntratt validu bejn il-kumpanija u dawk it-terzi. Kif il-Qrati tagħna kellhom ġia okkażjoni jippronunzjaw, dawn huma kwistjonijiet interni tal-kumpanija u allura t-terz ma jistax jinvokahom biex iħassar ftehim li jkun għamel huwa stess mal-kumpanija *sia pure* r-regoli ta' dik il-kumpanija setgħu ma kienu jippermettu lil min jidher fuq il-kuntratt biex jagħmel dan. Għalhekk it-talba rigward din il-kawżali hija miċħuda.

**L-ATTRIĊI MA DEHRITX FUQ IL-KUNTRATT**

Illi għal xi raġuni li jafuha huma biss, fuq il-kuntratt ta' lokazzjoni deher biss l-attur. Jiriżulta pero' mill-provi, illi l-attriċi dejjem kienet preżenti għat-trattattivi u anke għall-iskrittura, u kwindi ma tistax tgħid li ma kienet taf *"xejn dwar x'kien qed jigri."*

Illi *oltre* dan l-istess atturi ma ressqux l-iċken prova dwar ta' min hija l-proprjeta' u għalhekk strettament il-Qorti tista' tieqaf hawn. Anke pero' jekk il-proprjeta hija formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, l-attriċi ma setgħet lanqas taġixxi *ai termini* tal-artikolu 1326 tal-Kodiċi Ċivili għaliex għalkemm hija ma ffirmatx il-kuntratt hija kienet taf b'kollox u allura tat il-kunsens taċitu tagħha. Dan jirriżulta mill-istess depożizzjonijiet tagħha; hija dejjem kienet preżenti ma' żewġha f'kull ħin li ltaqgħu mad-diretturi tas-soċjeta' konvenuta. Għalhekk anke fir-rigward ta' din il-kawżali t-talba konvenuta qed tiġi respinta.

**LI S-SOĊJETA' KONVENUTA KISRET IL-KUNTRATT**

Illi hawnhekk l-atturi naqsu mill-kbir fil-mod li kkonduċew il-kawża tagħhom għaliex għalkemm fil-kontro-talba qalu li ġew miksura l-kundizzjonijiet, ma hemm ebda ndikazzjoni

fl-att relattiv, u ċjoe' l-kontro-talba, ta' liema kundizzjonjiet inkisru u wieħed irid ifittex il-protest ġudizzjarju li ġie esebit man-nota tal-eċċezzjonijiet taghhom biex isib li huma rreferew għall-ewwel, it-tieni, il-ħames u t-tmien kundizzjoni. Il-Qorti setgħet liberament tieqaf hawn għaliex dan kellu jiġi speċifikat fil-kontro-talba. Madankollu biex il-kontro-talba ma tiġix miċħuda fuq formalita' *sia pure* mportanti, il-Qorti se tikkonsidra l-protest bħala ħaġa waħda mal-kontro-talba. Dawn il-kundizzjonijiet jirreferu essenzjalment għall-ħlas tal-kera u bini ta' strutturi mingħajr il-permess tal-atturi.

Illi sfortunatament mid-depożizzjonijiet tal-attriċi wieħed ftit jista' jieħu indikazzjoni tan-nuqqas tal-ħlas tal-kera u addirittura xejn dwar il-bini. Fir-rigward tal-bini il-provi ressqithom ironikament is-soċjeta' konvenuta li ħarrket rappreżentant tal-MEPA biex jixhed. Kulma ressqu l-atturi kienu atti twal li meta jingħasru ftit joħroġ minnhom u għandha raġun is-soċjeta' konvenuta teċċepixxi li ħafna mit-talbiet huma l-istess eċċezzjonijiet fil-kawża ta' spoll li issa għaddiet in ġudikat. L-affidavit ta' Rosario Cortis, direttur tas-socjeta' konvenuta (fol 279 tal-kawza 1194/02 JA) jidher għall-Qorti verosimili u qed jigi hawn riprodott:

*"Il-fond li krejt mingħand ta' Vella effettivament ma kellu ebda attrezzamenti biex nista' naħdem minn hemm. Fil-fatt kien hemm miżmuma dgħajsa u xi affarijiet oħra iżda kont naf li biex nutiliżżah għax-xoghol tiegħi ridt nagħmel tibdil sostanzjali biex dan isir kif inhu illum, jigifieri uffiċċju, klassijiet għat-taghlim tal-computer, workshop u ambjenti relattivi.*

*Dwar dak li jiena ridt nagħmel f'dan il-fond, ta' Vella kienu nfurmati u kienu taw il-kunsens tagħhom biex dawn jistgħu isiru kif jixhed l-istess kuntratt.*

*Wara li qbilna li jsir il-kuntratt ta' kera, konna nkarigajna lin-Nutar Mark Anthony Sammut sabiex jipprepara skrittura ta' kirja. Dak iż-żmien, in-Nutar Sammut kien iservi f'uffiċċju l-Mellieħa apparti dak li ahna konna nafuh fih f'Ħaż-Żebbuġ. Fil-fatt, peress li ta' Vella mill-Mellieħa, kien ġie maqbul li l-kuntratt jiġi ffirmat fl-uffiċċju tal-*

*Mellieħa. Mrs. Vella kienet qalet li se ġġib l-avukat iżda l-avukat ma kienx ġie għax ma setax. Kienet stqarret issa li qegħdin hawn niffirmaw il-kuntratt.*

*Dakinhar konna spjegajna lil ta' Vella li l-kuntratt kien se jsir fuq kumpanija li jiena kont qiegħed nifforma. Kienet aċċettat li mmexxu b'dak il-mod la xorta waħda l-kumpanija kienet se tħallas il-kera. Peress li kont qiegħed nieħu self mill-bank, kif wkoll in-negozju tiegħi kien qiegħed jiżdied, kont ingħatajt il-parir li l-aħjar li nopera permezz ta' kumpanija.*

*Fil-fatt jiena għamilt id-depożitu l-bank biex tinfetaħ il-kumpanija fit-22 ta' Novembru 2000 u l-kumpanija ġiet formalment reġistrata xi ġranet wara, u ċjoe' fis-7 ta' Diċembru 2000 filwaqt li l-kuntratt ġie ffirmat fl-1 ta' Diċembru 2000.*

*Is-Sinjuri Vella meta tajnihom din l-ispjegazzjoni, kienu aċċettaw li l-kera, minkejja li kont qed nifforma l-kumpanija, li l-kuntratt isir mill-ewwel fuq isem il-kumpanija kif effettivament sar.*

*Lil ta' Vella wara li ffirmajna l-kuntratt konna mill-ewwel tajnihom LM600 li konna qbilna fuqhom iżda li fil-kuntratt tal-kera qatt ma ssemmew. Dawn kienu key-money li ta' Vella ma riedux isemmu fil-kuntratt għal raġunijiet ovvji li aħna aċċettajna li nagħtuhomlhom la konna qbilna hekk. Dawn is-sitt mitt lira (LM600) li ħallasna teknikament jiġu sitt xhur kera.*

*Hekk kif iffirmajna l-kuntratt u ġew iċ-ċwievet f'idejna, jista' jkun li għaddew xi ġranet biex tawhomlna, bdejna bix-xogħlijiet interni li ridna nagħmlu fil-fond mikri mertu ta' din il-kawża.*

*Kif diga' għidt aktar 'l fuq, peress li kien hemm ħafna xogħlijiet li riedu jsiru, kien hemm bżonn żmien biex nirranġaw kif meħtieġ li wassal biex fil-fond in kwistjoni nonfqu ċirka LM15,000 biex wettaqna x-xogħlijiet meħtieġa.*

*Meta bdejna x-xogħol, peress li kien meħtieġ change of use fil-permess tal-MEPA, minn garage għal skop kummerċjali, hemmhekk inqala' l-intopp prinċipali li wassal għal din il-kawża.*

*Skond il-kuntratt, kull permess li kien meħtieġ minna kellna nagħmluh aħna. Għalhekk aħna mexxejna b'din l-applikazzjoni iżda l-applikazzjoni tagħna kixfet problemi li hemm fil-binja propjeta' ta' Vella in kwantu li dan il-bini ma sarx skond il-permess maħruġ mill-awtorita' relattiva.*

*Fil-fatt, u dan anke kif xehed l-istess uffiċjal tal-MEPA, meta applikajna biex nagħmlu change of use irriżulta li s-saqaf tal-garage mil-livell tat-triq kien ogħla minn dak kif suppost, il-wisgħa tal-bieb kien akbar minn dak suppost u kien hemm kwistjoni oħra rigward parking iżda dwar din kulma ried isir li nħallsu kontribuzzjoni għat-tnaqqis fil-parking.*

*Dwar l-ewwel żewġ raġunijiet, ngħid li dawn iż-żewġ fatturi qatt ma konna nafu bihom peress li meta krejna ma ssemma xejn u ma konniex dħalna fid-dettall dwar il-mod inbniet il-binja. Meta sibna din il-problema kont wasalt għall-konklużjoni għalfejn ta' Vella ma riedux li jbiegħu l-proprjeta' peress li f'każ ta' bejgħ wieħed se jagħmel verifiki dwar il-kwistjoni ta' permessi tal-bini.*

*Meta nqalgħet din il-problema, jiena u missieri konna morna l-Mellieħa d-dar ta' Vella u ma' Emanuel Vella tkellimna dwar dak li konna sirna nafu. Vella mill-ewwel laqagħna li ma riedx li jagħmel spejjeż u jekk dak li kien meħtieġ isir kien ifisser spejjeż, ma kienx lest li jagħmlu iżda kien lest li jsiru l-applikazzjonijiet meħtieġa sakemm inħallsu aħna u mbagħad nirranġaw wara b'riferenza għall-kirijiet.*

*Inżid ngħid li fil-ftehim tal-kera, hemm indikat ċar li fl-ewwel sena ma kellhiex titħallas kera u fil-fatt l-istess ftehim jipprovdi li kellna nħallsu l-kera mis-sena 2002 u mhux mill-bidu tal-kirja.*

*Irrid ngħid li qabel ma sar dan il-ftehim kien hemm korrispondenza li ntbagħtet mill-Avukat tagħna li tindika li għal Jannar 2002, ta' Vella ma riedux il-kera u ftit wara kienet saret l-applikazzjoni u verbalment qbilna li ma jsirx ħlas ta' kera qabel tiġi riżolta l-problema tal-permessi.*

*Peress li kien hemm din il-problema kif sar il-bini, kellha ssir applikazzjoni ta' sanctioning tal-binja. Peress li Vella ma riedx li jagħmel spejjez, l-applikazzjoni kienet saret a spejjeż tagħna iżda kienu qabbdu perit ta' fiduċja tagħhom li kien Tancred Mifsud. Il-Perit Mifsud u Perit Paul Buhagiar, li kien il-Perit tagħna, kienu ltaqgħu fuq il-post biex jaraw x'kien meħtieġ li jsir biex is-sitwazzjoni tiġi riżolta.*

*Saru l-applikazzjonijiet meħtieġa fis-sens waħda saret f'isimna u oħra saret f'isem ta' Vella. Dik li saret f'isimna kompliet fuq il-kwistjoni ta' change of use filwaqt li ta' Vella kienet għal sanctioning tal-propjeta' tagħhom.*

*Irrid ngħid li l-korrispondenza li kien hemm dwar l-applikazzjoni li saret minna konna nirċevuha aħna u l-perit tagħna filwaqt li l-korrispondenza li saret rigward l-applikazzjoni ta' Vella kienu jirċevuha huma u l-perit tagħhom. B'hekk aħna kontroll biss fuq l-applikazzjoni li saret f'isimna.*

*Ġara li l-permessi t-tnejn ġew approvati suġġett li titħallas multa waħda min-naħa tagħna u oħra min-naħa ta' Vella. Meta rċevejna t-talba għall-ħlas tal-multa tagħna, aħna konna qbadna u ħallasna l-ammont li kien dovut bil-konsegwenza li dan il-permess ħareġ u kien f'idejna iżda min-naħa ta' Vella qatt ma ħallsu l-multa bil-konsegwenza li s-sanctioning li kien meħtieġ qatt ma ħareġ.*

*Irrid ngħid li filwaqt li kien għaddej il-proċess ta' permessi li għadni kif qed insemmi, kien hemm ftehim verbali li ma titħallasx kera sakemm dawn il-permessi joħorġu. Irrid nagħmel elenku ta' fatti u dati mportanti li jiġu spjegati wara xulxin kif seħħew l-affarijiet:*

*Nhar is-26 ta' Lulju 2001 kont applikajt biex inbiddlu l-użu tal-fond minn garage għal Micro Technology Centre. PA 03848/01.*

*Nhar it-23 ta' Ottubru 2001, kien hemm refusal għal din l-applikazzjoni minħabba r-raġunijiet li diġa spjegat aktar 'il fuq partikolarment minħabba "when existing building development on a site is whole or partly illegal the DCC will not consider a development application relating to new development on that site unless the development is regularised."*

*Nhar it-28 ta' Novembru 2001, ħareġ enforcement notice 12/5/01 lil Maria Vella Camilleri u dan peress li "Għandek żvilupp li jikkonsisti fi bdil fl-użu minn garage tal-karozzi privati għal wieħed kummerċjali kif ukoll bini ta' ħitan diviżorji, garage imsaqqaf fuq 14-il filata flok 12 u fetħa tal-bieb akbar minn kif approvata fil-permess PA 6692/94".*

*Illi dan l-enforcement wassal biex ta' Vella jaċċettaw li sakemm din il-kwistjoni tiġi rranġata, ma nħallsux kera.*

*Fil-21 ta' Jannar 2002, is-Sinjuri Vella ressqu applikazzjoni f'isimhom u dan sabiex isir sanctioning tal-binja kif kienet inbniet.*

*Sakemm din l-applikazzjoni kienet qed tiġi pproċessata kien hemm diversi drabi li tkellimna dwar dak li għaddej l-aktar mal-perit tagħhom.*

*Il-permess ta' sanctioning kien ħareġ fl-20 ta' Awissu 2002 ftit qabel ma kien seħħ l-ispoll li dwaru din il-Qorti tat sentenza. Aħna ma konniex nafu bil-korrispondenza li kienu rċevew ta' Vella u meta sirna nafu aħna konna spiċċa barra mill-post mertu ta' din il-kawża peress li s-Sinjuri Vella kienu qabdu u ħadu f'idejhom dan il-post.*

*Irrid ngħid li darba fost l-oħrajn Maria Dolores Vella Camilleri, kienet ġiet tgħajjat fil-fond mertu tal-kawża li riedet il-kera minkejja li kien għad hemm il-problema tal-permessi li kienet għadha pendenti.*

*Irrid ngħid li dakinhar, biex nevita milli tkompli bl-għajjat quddiem in-nies li kelli jiena kont ħallast ta' xahar kera u dan billi f'moħħi kelli li konna se nirranġaw rigward l-ispejjeż tal-permessi u spejjeż oħra minn kirjiet futuri.*

*Niftakar li dan l-episodju kien f'April 2002. Ftit tax-xhur wara ta' Vella kien ħargu bit-teżi li l-ftehim kien null u wara xi ġimgħat kienu wettqu l-ispoll. Fil-fatt dik il-kera tħallset mill-kumpanija u ġiet aċċettata."*

Illi l-Qorti hija konvinta li dan kien dak li ġara u fir-rigward tal-kera l-atturi ma ressqux provi ċari ta' x'inhu dovut mis-soċjeta' konvenuta – min jallega jrid jipprova; ***onus probandi ei qui dicit non ei qui negat*** – artikolu 562 tal-Kap. 12.

Illi l-Qorti allura tħoss li t-talbiet tal-atturi huma nfondati; naturalment jekk hemm xi kera dovuta din għandha titħallas independentement mill-lanjanzi li jista jkollha s-soċjeta' konvenuta.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta (*oltre* l-ewwel eċċezzjoni ġja' respinta), u tiċħad it-talbiet attriċi.**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-istess atturi, ħlief dawk tas-sentenza preliminari li għandhom jitħallsu mis-soċjeta' konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------